**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-04 ta' Frar, 2016

Talba Numru: 806/2014AM3

Numru fuq il-Lista: 30

**Smart Office Supplies Limited – C28937**
**Valley Road,**
**Qormi**

**vs**

**Roderick Grech**
**'Papas Hongrey'**
**Valley Road**
**Msida**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-22 t' Dicembru, 2014 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut is-somma ta' seba' u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€287.79c) liema bilanc huwa dovut ta' merkanzija konsistenti fi 'stationary items' mibjugha u konsenjati lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' mitejn u seba' u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€287.79c)  u dan bl-imgħax legali skont il-ligi dekorribbli mit-08 ta' Mejju, 2014, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 t' Ottubru, 2014 huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**